TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/193/13/S

Sian Spiteri Zammit
Vs
Alpha Business Limited

Illum 6 ta'Marzu,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Sian Spiteri Zammit pprezentata fid-9 t'Awwissu,2013 filwaqt li s-socjeta Alpha Business Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deher xi hadd in rapprezentanza taghha ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni taghha maghmula fit-13 ta'Frar,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'voucher' mixtri minn zewg ir-rikorrenti minn hanut li issa ghalaq u ghalhekk ir-rikorrenti ma setghetx tutilizza l-imsemmi 'voucher';

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Sian Spiteri Zammit u hadd ma deher ghas-seduti li saru in rapprezentanza tal-istess socjeta;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Sian Spiteri Zammit li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata Alpha Business Limited;

Illi n-nuqqas ta' dehra ta' xi rapprezentant tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi jidher bic-car li dan hu kaz fejn konsumatur hallas ghal xi servizz li ma hadux;

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba ta' Sian Spiteri Zammit hija gustifikata;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Sian Spiteri Zammit u Jordna lis-socjeta Alpha Business Limited thallas lil Sian Spiteri Zammit is-somma ta' €210, bl-interessi ta' 8 fil-mija mit-22 ta'Dicembru,2011 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess socjeta Alpha Business Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru